# Afrika

Hemm l-arti fik, saħħara tal-pjaneta.
Idejk isellmu 'l-għodwa tax-xemx tielgħa,
Dirgħajk jilqgħu 'l-irjieħ deħlin sa ġewwa,
Għajnejk jogħlew fis-sema jfittxu l-qofol
Sakemm jarawh jinħall bit-talb u t-tama.
Saqajk ma jistriħux u jiżfnu dejjem
Mal-għanja tal-buffuri, mat-tħaxwixa
Li titla' sal-għoljiet u tħuf fl-imsaġar,
Il-knejjes li mill-għoli Tiegħu Alla
Jagħżilhom biex jistrieħ 'il bogħod mill-bqija.
Il-vibrazzjonijiet ta' qalbek wiesgħa
Jinstemgħu f'kulma tagħmel, tiżfen, tgħanni,
Tixxennaq, titlob, toħlom u tistenna
Li ruħek darba tqum u tmexxi dinja.
Il-ħażna tiegħek m'hix fil-ġid ta' issa,

Hemm fik żerriegħa ġdida li trid tinbet,
Hemm ruħek li timmarka l-istaġuni,
Ruħek ilsiera, ruħek ħielsa, ruħek
Ir-ruħ ta' dil-pjaneta kollha t'għada.
Is-sebħ u l-weġgħa tiegħek ħaġa waħda,
Int waħda biss li tgħanni, waħda tokrob.
Ġidek ma jinħażinx fil-ġarar tagħna,
jinġabar f'qalb li tnixxi d-demm u xorta
b'taħbita fissa lejl u nhar tistenna.
Din l-għodwa sseħħ għax hemm miktub fuq ġbinek,
Hemm fuq ġenbejk u hemm fuq qalbek beraħ.
Hemm l-arti fik biex tkellem 'l-istaġuni,
U biha tkellem lill-ħaxix u 'l-bhejjem,
U l-kelma tiegħek waħda: poeżija,
Il-kelma t'Alla lil uliedu kollha.
Mistur xi mkien fi ħdanek il-ħolm tiegħek,
Itir mar-riħ fir-ramel tad-deżerti,
Jistenna l-waqt li jkaxkar dinja miegħu.
Riesaq il-ħin u d-dinja kollha tħares
Tissemma r-ritmu tiegħek, fantasija
Għal dir-raġuni xiħa, mnikkta tagħna.
Il-weġgħa tiegħek tagħna, kull miraklu
Li joħroġ minnek se jagħmilna wliedek,
Imsaħħra bik, midjuna lejk, sa fl-aħħar.
Qalbek għajjiena ma tegħjiex ittektek
U żżomm pjaneta sħlħa ttektek magħha.
Hemm Alla ħdejk fil-ferħ u fid-duluri,
U f'ismu nħallsu d-dejn għalik, omm ħelwa,
Sakemm bid-dejn skontat niddejnu aħna.

***Oliver Friggieri***